MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2006

Talba Numru. 1545/2002

**GasanMamo Insurance Agency Ltd bhala agenta u mandatarja tas-socjeta estera CGU ta Perth Scotland kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Martin Chetcuti**

**Vs**

**Carmelo Caruana Company Limited proprio u bhala agent ta'**
**New Millenium Consolidators SL**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Gunju 2002 fejn intalab li socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u tlieta u erbghin lira tlieta u sebghin centezmu (Lm143.73) rapprezentanti valur ta nuqqasijiet f'konsenja ta 137 Carrano Water Purification Equipment ghal Martin Chetcuti li gie mpurtat Malta abbord il-vapur Norasia Sharjah fis-27 ta Gunju 2001.

Bl-ispejjes u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-avviz kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta datata 11 ta Lulju 2002 fejn ikkontestat it-talbiet attrici stante li fl-ewwel lok l-allegata merkanzija waslet Malta jumejn wara li giet intavolata dina l-kawza u fit-tieni lok jinghad li s-socjeta konvenuta fil-kwalita li giet mharrka ma hiex responsabbli ghall-allegati danni subiti mill-assikurat Chetcuti.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta tidher li giet sorvolata in forza tad-digriet moghti minn dan it-Tribunal datat 13 ta Awissu 2002 fejn ordna l-korrezzjoni tad-data in kwistjoni.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta xehed illi ghalkemm il-container fejn kien hemm il-merkanzija in kwistjoni kienet fil-mahzen tal-principal taghhom barra minn Malta pero`, ma jistax ighid dwar il-konsistenza tal-kontenut kif waslet ghand l-istess principali. Dok KN1, il-bill of lading relattiv jaghti deskrizzjoni ta merkanzija fis-sens li kien hemm 137 Ctns ta water purification equipment filwaqt li skond l-assikurat Martin Chetcuti kienet waslet hawn Malta kaxxa nieqsa u cioe allura kien hemm 136 kaxex flok 137 u l-ammont mitlub f’dina l-kawza jirrapprezenta precizament il-valur tal-kontenut tal-kaxxa nieqsa in kwistjoni. Dan il-kontenut jinsab indikat bl-inka safra fuq id-dokument a fol 24 tal-process liema fattur gie konfermat bil-gurament mill-assikurat Chetcuti. Fuq it-tally sheet markat Dok JM1 tal-process hemm rimarkat li gew released 136 Ctns flok 137 u fuq liema dokument giet anke identifikata l-firma ta mpjegata tal-istess socjeta konvenuta. Fuq il-Bill of lading esebita mis-socjeta konvenuta a fol 68 et seq tal-process hemm indikat car u tond li l-merkanzija in kwistjoni mghobbija fuq il-vapur kienet ta 137ctns.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-merkanzija mghobija fuq il-vapur kellha tkun ta 137 CTNS;
Jirrizulta li hawn Malta waslu biss 136 CTNS flok 137;
Jirrizulta li l-merkanzija in kwistjoni kienet gewwa container flimkien ma merkanzija ohra;
Illi dan il-container kien fil-pussess tal-principal tas-socjeta` konvenuta qabel ma tghabba fuq il-vapur;
Illi l-merkanzija jidher li giet rilaxxjata madwar tliet ijiem wara li kien inhatt minn fuq il-vapur.
Illi ghalkemm gie msemmi fil-provi li l-agenti lokali tal-vapur kienet l-istess socjeta konvenuta pero din ta l-ahhar ma gietx imharrka f'dawn il-proceduri f'tali kwalita;
U peress illi jidher li hemm nuqqas ta prova soddisfacenti rigwardanti n-nexus legali bejn in-nuqqas lamentat u r-responsabbilita tas-socjeta konvenuta fil-kwalita mharrka.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, jiddikjara li s-socjeta konvenuta fil-kwalita mharrka ma hiex responsabbli ghan-nuqqasijiet meritu ta dina l-kawza u konsegwentement ghalhekk qed tirrespingi t-talbiet attrici b'dan illi l-ispejjes ta dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------